# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**Spettur Charlotte Curmi**

**Vs**

**Renald Debono**

**Illum: 5 ta`Frar, 2024.**

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijet migjuba kontra Renald Debono ID 53380(M) bin N/A mwieled fil-06/11/1975 u joqghod 49 Triq San Mikiel Bormla u akkuzat talli fit-8 ta' Lulju, 2021 ghall-habta ta' 7.45 hrs fi Triq Zabbar Fgura soqt vettura b' numru ta' registrazzjojni FAL256 u

1. bhala sid tal- vettura inqast li tara li jkollha dejjem u kull zmien licenzja mahruga mill-Awtorita' ghat-trasport f'Malta.
2. U talli soqt vettura minghajr ma kient licenzjata mill-Awtorita ghat-traasport f' Malta biex tintuza fit-triq;
3. U aktar talli soqt l-istess vettura minghajr ma kond kopert b'polza tas-sigura' dwar riskji tat-terzi persuni;

Il-Prosekuzzjoni tablet li tigi skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan;

Il-Qorti mitluba li f' kas ta' htija minbarra li tinfliggi il-piena skond il-ligi tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill- LS 65.18 Art 36 B u fil- LS 65.18 Sitt Skeda;

Rat l-artikoli 368.02 art 13(2), Kap 65 Art 15(1)(a) (2) Kap 104 sec 3 (1) - LS 65.18 Art 36 B u fil- LS 65.18 Sitt Skeda;

Rat ix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni.

L-imputat ghazel li ma jixhiedx.

Rat l-atti kollha , d-dokumenti kollha ezebiti u l-provi kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**<u>Joseph Piscopo, xehed hekk :</u>**

Pros: Sur Piscopo inti kont involut f`xi incident?

Xhud: Id-data kienet ma nafx il-Fgura kont id-data ma nafiex imma.

Pros: Il-Fgura fejn sinjur?

Xhud: Fejn il-LESA it-triq principali.

Pros: Inti x`kont qed taghmel spjegalna ma konniex hemm?

Xhud: Xejn jiena hrigt minn triqti?

Xhud: Biex bil-mixi biex?

Xhud: Bil-karozza.

Pros: U x`gara?

Qorti: Kont fuq mutur?

Xhud: Kont go karozza jien gol-karozza BMW.

Qorti: Hrigt minn side road jew minn main road?

Xhud: Jiena hrigt minn gol-main road.

Qorti: hrigt ghall gol-main road fhimt u x`gara?

Xhud: U kien hemm il-karozzi fit-traffic weqfin cedewli biex nohrog u tal-mutur dahal minn naha ta barra u baqa` diehel go fijja.

Qorti: In-naha ta` barra x`igifieri?

Xhud: Qabez minn fuq in-naha ta` barra tal-karozzi.

Qorti: Minn fuq il-lemin jew xellug tal-karozzi?

Xhud: Jien hrigt hekk u hu hareg minn hawn.

Qorti: Qed taraf il- xi hadd hawnekk:

Xhud: Ijja hemmekk.

Qorti: Ix-xhud indika lil imputat, hu kien fuq il-mutur u l-mutur kien ghaddej fit-triq?

Xhud: Ezatt.

**PS 192 R Gordano** xehed dwar l-involviment tieghu.

**Stephen Cachia** xehed da parti ta' Transport Malta
dwar vettura FAL256.

**Ikkunsidrat**

Illi illi l-imputat ma inghatghax d-drittijiet tieghu rigwardanti dritt ta' assistenzja ta' avukat jew dritt tas-silenzju minn  PS 192 R Godano u bhekk kwalsijasi dikjarazzjoni tieghu mhux ammissibbli.

Ix-xhud Joseph Piscopo ma kienx jaf d-data tal-incident waqt ix-xhieda tieghu u bhekk l-ahjar prova dwar d-data ta l-incident li hi l-pern tal-akkuzi kollha mhux pruvata fil-grad rikjest fil-kamp kriminali.

**Decide**

Ghal dawn il- motivi ma issibx lil Renald Debono hati ta' ebda wahda mill-imputazzjonijiet u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**